**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti Istruttorja**
**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D**

Illum 7 ta' Lulju 2025

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

Kenneth Ellul

Il-Qorti
Rat illi l-imputat:

Kenneth Ellul ta' ħamsin (50) sena, bin Joseph Mary u Iris xebba Caruana, imwieled nhar il-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elf disgħa mija u erbgħa u sebgħin (1974) ġewwa l-Pieta', Malta, bla indirizz fiss u detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 0444374M

**U nakkużawh f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli nhar it-tlieta (03) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn il-siegħa ta' filgħodu (01:00hrs) u is-sagħtejn u nofs ta' filgħodu (02:30hrs) minn ġewwa l-istabbiliment St Catherine's Confectionery ta' Telgħet Raħal Ġdid, Paola u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

1. Ikkommetta serq ta' *flus kontanti* liema serq huwa kkwalifikat bil-**vjolenza** u dan għaliex ippreżenta ruħu armat, bil-**mezz**, bil-**valur** liema ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-**ħin** u liema serq huwa għad-detriment ta' **Sandro Vella** u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra[1];

**U nakkużawh ukoll talli nhar l-erbgħa (04) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn is-siegħa u nofs ta' waranofsinhar (13:30hrs) u it-tlieta ta' waranofsinhar (15:00hrs) minn ġewwa l-istabbiliment Convenience Shop ta' Triq Santa Monika, Tarxien u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

2. Ikkommetta serq ta' *flus kontanti u mobile top-up cards* liema serq huwa kkwalifikat bil-**vjolenza** u dan għaliex ippreżenta ruħu armat, bil-**mezz**, bil-**valur** liema ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u liema serq huwa għad-detriment ta' **Sylvana Sciberras** u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra[2];

---

[1] Art261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b)(2), 263(a)(b), 264(1), 267, 270, 276, 279(a), 280(2), Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Art 261(a)(b)(ċ), 262(1)(b)(2), 263(a)(b), 264(1), 267, 276, 279(a), 280(2), Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex titratta lil **Kenneth Ellul** bħala **reċediv** ai termini tal-**Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9** tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilhom mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, jekk jidhrilha xieraq, tordna Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' **Kenneth Ellul** u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-artikolu 15A *et seq*. tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532A u/jew 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Rat illi fis-7 ta' Lulju 2025 inqraw l-akkuzi bil-gurament.
Semghet l-imputat jammetti l-imputazzjonijiet.
Rat li sar l-ezami tal-imputat.
Rat L-Artikoli 15A et seq, 49, 50, 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b)(2), 263(a)(b), 264(1), 267, 270, 276, 279(a), 280(2), 289, 412D, 532A, 532B, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
Rat l-atti u dokumentazzjoni kollha tal-kaz.

**Ikkunsidrat**
L-akkuzat ammetta l-ħtija fl-istadju bikri ta' dawn il-proċeduri u kkolabora mal-Pulizija.

**Decide**
Għal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 15A et seq, 49, 50, 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b)(2), 263(a)(b), 264(1), 267, 270, 276, 279(a), 280(2), 289, 412D, 532A, 532B, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni, komplessivament tikkundana lil Kenneth Ellul għal tliet (3) snin ħabs effettiv, u sabiex jitpoġġa taħt Ordni ta' Trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tliet (3) snin minħabba l-problema tad-droga li minnha qed issofri l-imputat, filwaqt li ġew spjegati ukoll il-poteri u l-konsegwenzi ta' dan l-artikolu. L-Ordni ta' Trattament ordnata u li tifforma parti integrali mis-sentenza għandha tkun taħt il-kondizzjonijiet li l-imputat għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Uffiċjal tal-Probation, u jżomm kuntatt regolari miegħu skont kif jeħtieġ il-każ u s-sitwazzjoni personali tiegħu. L-istess Uffiċjal għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti bil-progress tal-imputat kull sena, u dan għandu javżah immedjatament dwar kull tibdil fl-indirizz residenzjali tiegħu. Barra minn hekk, l-imputat għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probation skont id-direttivi li jingħata minn żmien għal ieħor.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**